IL-KNISJA F'MALTA

UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

4 ta' Frar 2018
21/2018

## ARĊIPRIET ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' ĦAD-DINGLI

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Mark Mallia Pawley bħala l-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Santa Marija, Ħad-Dingli.

Dun Mark Mallia Pawley twieled fit-28 ta' Awwissu 1988. Irċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' San Sebastjan, Ħal Qormi, u fl-iskola sekondarja Mikiel Anton Vassalli, il-Ħandaq, u l-edukazzjoni post-sekondarja fil-Kulleġġ Ġan Franġisk Abela, l-Imsida. Kompla l-istudji terzjarji fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta.

Dun Mark ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 2016. Beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-Parroċċa ta' Ħad-Dingli bħala viċi arċipriet.

Il-Parroċċa ta' Ħad-Dingli tiġbor fiha madwar 4,000 persuna f'1,100 familja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1,
Floriana, FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**